91
PA

Environment and Planning Review Tribunal
Block B, St. Francis Ditch,
Floriana

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
08 MAR 2019
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

**Appell tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar** minn PA 6747/18.

**Description of Works :** Renewal of PA/06236/08 - Redevelopment of Mistra Village - Construction of residential complex consisting of four blocks including supportive commercial activities with underlying basements for private parking. Development of public open spaces, landscaped gardens and communal pool

**Applicant :** Mr Charles Camilleri obo Gemxija Crown Limited

Illi nhar l-24 ta' Jannar tas-sena 2019 il-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar approva l-applikazzjoni ghat-tigdid (renewal) bin-numru PA/06236/08 liema applikazzjoni kienet tikkonsisti fis-segwenti:

> *Renewal of PA/06236/08 - Redevelopment of Mistra Village - Construction of residential complex consisting of four blocks including supportive commercial activities with underlying basements for private parking. Development of public open spaces, landscaped gardens and communal pool.*

Illi l-appellanti, Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, hass ruhhu aggravat minn din id-decizjoni, ergo' l-approvazzjoni tal-applikazzjoni ghat-tigdid (renewal) u ghaldaqstant qed jinterponi dan l-umli appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal bil-ghan illi timpunja d-decizjoni tal-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar su-riferita ghas-segwenti ragunijiet.

Illi l-bord naqas milli jiehu in-konsiderazzjoni qabel approva l-applikazzjoni ghat-tigdid (renewal) tal-permess su-citat il-fatt li lahqu dahlu fis-sehh policies u regolamenti godda  mid-data tal-approvazzjoni tal-permess inizjali ghad-data tal-approvazzjoni tal-permess in-kwistjoni. Liema policies kellhom jittiehdu in-konsiderazzjoni galadarba dawn iddahhlu bejn l-ewwel decizjoni favorevoli tal-applikazzjoni u din l-applikazzjoni ghat-tigdid (renewal).

Illi ghalhekk il-Bord naqas milli josserva l-Artikolu 72(4) tal-Kap 552 tal-ligijiet ta' Malta li jistabilixxi b'mod car u inekwivoku li permess ghall-izvilupp li tieghu jkun intalab it-tigdid (renewal), dawn il-pjanijiet u policies godda ghandhom jittiehdu f'kunsiderazzjoni.

Illi mid-data tad-decizjoni tal-permess initzjali sad-data tad-decizjoni rigward l-applikazzjoni in-kwistjoni tat-tigdid (renewal) dahlet il-policy maghrufa bhala l-"Floor to Area Ratio Policy of 2014 (FAR), DC 2015.

Illi di pui idahhlu fis-sehh wkoll regolamenti godda rigward l-istudji tal-impatt ambjentali.

Illi jirrizulta car, li dawn il-policies u regolamenti  ma ttiehdux in-konsidrazzjoni qabel inghatat decizjoni favorevoli mil-istess bord rigward l-applikazzjoni ghat-tigdid. Ghalhekk fl-umli fehma tal-appellant Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, il-bord naqas milli josserva l-Artikolu 72 (4) tal-Kap 552 tal-ligijiet ta' Malta u dan meta l-istess artikolu jghid li l-*policies* u regolamenti su-citati ghandhom ittiehdu in-konsiderazzjoni.

Illi l-appellanti Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar jinnotta wkoll li l-Bord tal-Ippjanar naqas wkoll li jiehu in-konsiderazzjoni il-punti ta' thassib li tqajjmu mil-Awtorita ghall-ambjent u r-rizorsi kif dettoti fis-sottomissjonijiet taghhom tat-18 ta' Dicmebru tas-sena 2018, liema sottomissjonijiet qed jigu annessi u immarkati bhala **DOK "KLSP 01"**.

Illi t-thassib u l-oggezzjonijiet tal-istess Awtorita ghall-Ambjent u r-Rizorsi tant kien konsiderevoli li oggezzjonat ghall-approvazzjoni ta' tali permess ta' tigdid (renewal).

Illi in-oltre l-izvillupp kif approvat mil-Bord tal-ippjannar huwa ikkonsidrat bhala *bulky* u mhux konformi mal-istess "Floor to Area Ratio Policy of 2014 (FAR), DC 2015".

**Ghaldaqstant, filwaqt l-appellanti, jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal jakkolji dan l-appell u jghaddi sabiex jhassar, jannulla u jirrevoka l-permess ta' tigdid bin-numru PA/06236/08.**

**Avv. David Bonello**
37A, Balzan Valley,
Balzan

Appellanti : Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar

Appellat : Gemxija Crown Limited, 85, Triq San Gwann, Valletta